

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8487/26

CDR 73

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-5 ta' Ġunju 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Mark SPEICH, membru tal-Kumitat tar-Regġuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni.

¹ 10251/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Mark SPEICH, il-Gvern Ġermaniż ippropona² lis-Sa Annika FOHN, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Mitglied des Landtags Nordrhein-Westfalen* (Membru tal-Parlament tal-Istat ta' Nordrhein-Westfalen), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 8481/26 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 8391/26.